

32005D0693

L 263/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.10.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Ottubru 2005

dwar ċerti miżuri protettivi rigward l-influenza tat-tjur fir-Russja

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 3705)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/693/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Waqt li jikkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 18(1) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) u (5) tagħha,

Billi:

- (1) L-influenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li tikkawża l-mortalità u disturbi li malajr jistgħu jiżviluppaw fi proporzjonijiet epiżootiċi li kapaċi jwaslu għal theddida serja għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali u li jnaqqsu sew il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/666/KE tas-16 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni ta' għasafar, minbarra t-tjur ta' l-irziezet u l-kundizzjonijiet għal kwarantina ⁽³⁾ tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-għasafar minn pajjiżi terzi elenkati bħala membri fl-*Office International des Epizootics* (OIE). Ir-Russja hija membru ta' l-OIE u għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-importazzjonijiet ta' l-għasafar, għajr it-tjur ta' l-irziezet, mir-Russja skond dik id-Deċiżjoni.

- (3) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman ⁽⁴⁾, l-importazzjoni tar-rix mhux proċessat u partijiet mir-rix li joriġinaw mir-Russja hija awtorizzata.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/122/KE tas-6 ta' Frar 2004 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influenza ta' l-għasafar f'għadd ta' pajjiżi terzi ⁽⁵⁾ tissospendi ċerti importazzjonijiet tat-tjur ta' l-irziezet u tal-prodotti mit-tjur ta' l-irziezet mill-pajjiżi terzi affettwati.
- (5) Nhar l-24 ta' Lulju 2005, ir-Russja għarrfet lill-OIE dwar tifqigħa ta' l-influenza ta' l-għasafar fit-tjur ta' l-irziezet. Għalhekk, id-Deċiżjoni 2004/122/KE ġiet emendata sabiex tikkunsidra dawk it-tifqigħat billi tissospendi l-importazzjonijiet tar-rix mhux proċessat u ta' l-għasafar għajr it-tjur ta' l-irziezet minn dak il-pajjiż terz lejn il-Komunità.
- (6) Id-Deċiżjoni 2004/122/KE ġiet abrogata u, fir-rigward tal-pajjiżi terzi milquta, għajr ir-Russja, ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/.../KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influenza ta' l-għasafar f'għadd ta' pajjiżi terzi ⁽⁶⁾. Għaldaqstant, jixraq li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar u prodotti mit-tjur ta' l-irziezet mir-Russja f'att separat.
- (7) B'kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi potenzjali serji marbuta mal-varjant speċifiku ta' vajrus ta' l-influenza ta' l-għasafar (H5N1) inkwistjoni, li huwa l-istess bħal dak ikkonfermat f'għadd ta' pajjiżi Ażjatiċi, l-importazzjoni ta' ċerti għasafar mir-Russja għandha tiġi sospiża bħala miżuri prekawżjonali. Invista tas-sitwazzjoni attwali tal-marda fir-Russja, l-importazzjonijiet ta' rix mhux proċessat u partijiet minn rix li joriġina mir-Russja għandha tiġi sospiża wkoll.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 278, 31.10.2000, p. 26. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2002/279/KE (ĠU L 99, 16.4.2002, p. 17).

⁽⁴⁾ ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) No 416/2005 (ĠU L 66, 12.3.2005, p. 10).

⁽⁵⁾ ĠU L 36, 7.2.2004, p. 59. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/619/EC (ĠU L 214, 19.8.2005, p. 66).

⁽⁶⁾ ĠU L 263, 8.10.2005, p. 20.

- (8) Ir-Russja issa pprovdiet aktar informazzjoni li tindika li t-tifqiegħa għet limitata fir-reġjuni (distretti federali) li jin-sabu fil-Lvant tal-Muntanji Urali u tista' għalhekk tiġi reġ-junalizzata għall-importazzjoni ta' rix mhux proċessat. L-importazzjoni ta' l-għasafar għajr it-tjur ta' l-irziezet għandha tibqa' tiġi sospiża mir-Russja kollha.
- (9) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimen-tari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni mir-Russja ta' għasafar ħajjin għajr it-tjur ta' l-irziezet kif definit fl-Artikolu 1, it-tielet inċiż, tad-Deċiżjoni 2000/666/KE, inlużi l-għasafar li jakkumpanjaw lis-sidien tagħhom (għasafar pets).
2. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni mir-Russja ta' rix mhux proċessat u partijiet minn rix mir-reġjuni elenkati fl-Anness I.
3. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' rix mhux proċessat u partijiet minn rix minn dawk ir-reġjuni fir-Russja mhux elenkati fl-Anness I, sakemm dawn ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat sanitarju skond il-mudell stipulat fl-Anness II.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-importazzjoni ta' rix proċessat jew partijiet minn rix mir-Russja, jinthemeż mal-kunsinja dokument kummerċjali li jiddikjara li r-rix proċessat jew

partijiet minnu jkunu ġew trattati b'kurrent tal-fwar jew b'xi metodu ieħor li jiżgura li ma jkunu ġew trażmessi l-ebda patoġeni.

Madankollu, id-dokumenti kummerċjali m'għandhomx ikunu meħtieġa għal rix ipproċessat dekorattiv, rix ipproċessat li jin-ġarr mill-vjaġġaturi għall-użu personali tagħhom jew kunsinji ta' rix ipproċessat mibgħut lil individwi privati għal għanijiet mhux industrijali.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għal importazzjonijiet sabiex ikunu bi qbil ma' din id-Deċiżjoni u għandhom mill-aktar fis jagħrfu pubblikament bil-miżuri adot-tati. Huma għandhom jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Ottubru 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, nhar is-6 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Id-distretti federali tar-Russja msemija fl-Artikolu 1(2) u (3)1. *Id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed*

Jinkludi dawn is-Suġġetti tal-Federazzjoni Russa li ġejjin: Amur Oblast, Jewish Autonomous Oblast, Kamchatka Oblast, Koryakia Autonomous District, Khabarovsk Krai, Magadan Oblast, Chukotka Autonomous District, Primorsky Krai, Sakha (Yakutia) Republic, Sakhalin Oblast.

2. *Id-Distrett Federali Siberjan*

Jinkludi s-Suġġetti tal-Federazzjoni Russa li ġejjin: Ir-Repubblika Altaika, Altai Krai, ir-Repubblika ta' Buryatia, Chita Oblast, id-Distrett Awtonomu ta' Aga Buryatia, Irkutsk Oblast, id-Distrett Awtonomu ta' Ust-Orda Buryatia, ir-Repubblika ta' Khakassia, Kemerovo Oblast, Krasnoyarsk Krai, id-Distrett Awtonomu ta' Taymyria, id-Distrett Awtonomu ta' Evenkia, Novosibirsk Oblast, Omsk Oblast, Tomsk Oblast, ir-Repubblika ta' Tuva.

3. *Id-Distrett Federali ta' l-Urali*

Jinkludi s-Suġġetti tal-Federazzjoni Russa li ġejjin: Kurgan Oblast, Sverdlovsk Oblast, Tyumen Oblast, id-Distrett Awtonomu ta' Khantia-Mansia, id-Distrett Awtonomu ta' Yamalia, Chelyabinsk Oblast

ANNEX II

Kif imsemmi fl-Artikolu 1(3)

Ċertifikat veterinarju mudell għal rix mir-Russja mhux proċessat

Noti

- a) L-ċertifikati veterinarji għandhom jinħarġu mir-Russja bl-użu tal-mudell li ġej. Dawn għandhom jinkludu, fl-ordni kif tidher fil-mudell, l-attestazzjonijiet li huma meħtieġa għal kull pajjiż terz/mhux membru u, fejn japplika, daww ir-rekwiżiti sanitarji addizzjonali meħtieġa għall-pajjiż esportatur terz/mhux membru jew parti minnhom.
 - b) Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat individwali separat għal kull kunsinja tal-komodità kkonċernata, esportata lejn l-istess destinazzjoni mir-Russja u ttrasportata fl-istess vagun ta' ferrovija, trakk, biċċa ta' l-ajru jew vapur.
 - c) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jkun jikkonsisti f'paġna individwali stampata miż-żewġ naħat jew, fejn hu meħtieġ aktar test, b'tali mod li l-paġni kollha jiffurmaw entità waħdanija u ma jkunux jistgħu jiġu subdiviżi.
 - d) L-ċertifikat għandu jiffassal ftalanqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE fejn isseħħ l-ispezzjoni fuq il-fruntiera u f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE destinatarju. Madankollu, daww l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tidher xi lingwa Komunitarja oħra minflok tagħhom, akkumpanjata, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.
 - e) Meta jintemżu paġni addizzjonali maċ-ċertifikat għall-finijiet ta' identifikazzjoni ta' l-elementi li jiffurmaw il-kunsinja, dawn il-paġni addizzjonali għandhom jitqiesu wkoll bħala parti mill-oriġinal taċ-ċertifikat, sakemm il-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jkun qed jiċċertifika tkun tidher fuq kull paġna.
 - f) Meta ċ-ċertifikat, inkluż kull paġna addizzjonali kif previst f'(e), ikunu magħmula minn aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tiġi nnumerata skond it-tifsila "x(numru tal-paġna) ta' y(total tan-nunru ta' paġni)–" fil-qiegħ u għandha turi n-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat allokat mill-awtorità kompetenti fin-naħa ta' fuq.
 - g) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jimtela u jiġi ffirmat minn veterinarju uffiċjali sa 24 siegħa qabel ma tingħabba il-kunsinja għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tar-Russja għandhom jiżguraw li jiġu segwiti prinċipji ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti għal daww stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.
- Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola għandha tapplika għal timbri għajr it-timbri imqabbża jew il-watermarks.
- h) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkumpanja l-kunsinja sal-postazzjoni ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera ta' l-UE.
 - i) L-ċertifikat għandu jkun validu għall-10 ijiem mid-data tal-ħruġ.

PAJJIŻ

Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinjja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza		I.2.a. Numru lokali ta' riferenza					
	Isem									
	Indirizz		I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti							
	Kodiċi Postali		I.4. Awtorita lokali kompetenti							
	I.5. Destinatarju		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE *							
	Isem		Isem							
	Indirizz		Indirizz							
	Kodiċi Postali		Kodiċi Postali							
	I.7. Pajjiż ta' oriġini		Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini		Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' hsa				I.12. Post ta' destinazzjoni					
* Fond ☐ * Ċentru ta' semen ☐ * Stabbiliment/bastiment ☐				* Fond ☐ * Ċentru ta' assemblaġġ ☐ * Kwarantina ☐						
Isem		Numru approvat		* Ċentru ta' semen ☐ * Korp approvat ☐						
Indirizz				Stabbiliment/bastiment ☐ Dwana ☐ Oħrajn ☐						
Isem		Numru approvat		Isem				Numru approvat		
Indirizz				Indirizz						
Isem		Numru approvat		Kodiċi Postali						
Indirizz										
I.13. Post ta' tgħabija				I.14. Data u ħin ta' tluq *				Estimazzjoni tad-data u l-ħin tal-wasla *		
Indirizz		Numru approvat								
I.15. Mezz ta' trasport				I.16. BIP tad-dħul fl-UE *						
Ajruplan ☐		Vaxxel ☐		Vagun ☐		Isem		Numru tal-BIP unit:		
Vejikolu tat-triq ☐		Oħrajn ☐								
Identifikazzjoni:				I.17. Nru(Nri) tas-CITES *						
Referenzi Dokumentarji:										
I.18. Speċi ta' animal /Prodott				I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN)						
								I.20. Numru/Kwantità		
I.21. Temperatura ta' prodotti				I.22. Numru ta' pakketti						
Ambjent ☐		Mkessaħ ☐		Friżat ☐						
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill				I.24. Tip ta' ippakkettar						
I.25. Annimali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal:										
* Tgħammir ☐		* Simna ☐		* Qatla ☐		* Korp approvat ☐		Użu tekniku ☐		
* Riproduzzjoni artifiċjali ☐		* Kwarantina ☐		* Equidae reġistrati ☐		* Restocking tal-priża ☐				
* Pets ☐		* Ċirku/Esibizzjoni ☐		* Għal-Relej ☐		* Oħrajn ☐				
* Konsum uman ☐		Ikel ta' l-annimali ☐		* Aktar ipproċessar ☐		* Użu farmaċewtiku ☐				
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐				I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐						
Pajjiż terz		Kodiċi ISO		Importazzjoni definitiva ☐						
Post ta' Ispezzjoni tal-Fruntiera għall-Fruġ: Numru tal-BIP unit:				* Re-importazzjoni taż-Żwiemel ☐						
				* Ammisjoni Temporanja għaż-Żwiemel ☐						
I.28. Identifikazzjoni ta' l-annimali/il-prodotti										
Speċi (Isem xjentifiku)		Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti/il-bastimenti		Kwantità		Piż nett		Numru tal-baċċ		

* M'għandux jitkompla

PAJJIŻ

Rix mhux proċessat

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Informazzjoni sanitarja ☐	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta' referenza lokali
	1. Attestazzjoni Jien, hawntaht iffirmat, il-veterinarju uffiċjali, b'dan niċċertifika li r-rix mhux proċessat deskritt f'dan iċ-ċertifikat: a) inkiseb minn tjur ta' l-irziezet li baqgħu f'dawk id-distretti fir-Russja li ma jissemmewx fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2005/693/KE (din id-Deċiżjoni) għal talanqas sitt ġimgħat; b) ġej minn dawk id-distretti fir-Russja li ma jissemmewx fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2005/693/KE (din id-Deċiżjoni) li, dakinhar tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, kienu ħielsa mill-influenza tat-tjur kif definit fid-Deċiżjoni 93/342/KEE; c) inkiseb minn tjur ta' l-irziezet li ġew eżaminati u li ma wrew l-ebda sinjali kliniċi ta' influenza tat-tjur jew xi bażi li tagħti x'wieħed jifhem li setgħew kellhom dik l-influenza. 2. Il-validità Dan iċ-ċertifikat jgħodd għal għaxart ijiem.		
Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali Isem (b'ittri Kbar): Unità Veterinarja Lokali: Timbru: Kwalifika u titlu: Data: Firma:			